2) L-Asociación de fabricantes de morcilla de Burgos hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 263, 5.8.2019.

---

## Appell ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2019 minn CJ mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fis-27 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża T-1/19, CJ vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**(Kawża C-634/19 P)**

(2020/C 255/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellant:* CJ (rappreżentant: V. Kolias, dikigoros)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tas-16 ta' Ġunju 2020 il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) iddeċidiet li l-appell huwa miċħud bħala parzjalment infondat u li CJ għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven kasatsionen sad (il-Bulgarija) u mis-Sofiyski rayonen sad (il-Bulgarija) fis-6 ta' Novembru 2019 u fit-3 ta' Diċembru 2019 – "Marvik-Pastrogor" EOOD u "RODES – 08" EOOD

**(Kawżi C-818/19 u C-878/19)**

(2020/C 255/10)

*Lingwa tal-kawżi: il-Bulgaru*

### Qrati tar-rinviju

Varhoven kasatsionen sad, Sofiyski rayonen sad

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* "Marvik-Pastrogor" EOOD, "RODES – 08" EOOD

*Konvenuti:* Darzhavata, predstavlyavana ot Ministara na finansite (l-Istat, irrappreżentat mill-Ministru għall-Finanzi), Narodno sabranie na Republika Bulgaria (l-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija)

Permezz ta' digriet tat-30 ta' April 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) iddeċidiet li hija manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti risposta għad-domandi magħmula.

---

## Appell ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2020 minn "Rezon" OOD mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Novembru 2019 fil-Kawża T-101/19, Rezon vs EUIPO (imot.bg)

**(Kawża C-26/20 P)**

(2020/C 255/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

### Partijiet

*Appellanti:* "Rezon" OOD (rappreżentant: M. Yordanova-Harizanova, advokat)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-21 ta' April 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddikjarat li l-appell ineżami huwa manifestament inammissibbli.